MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 482/2012

**Semago Trading Company Limited**

**vs**

**The Stork Enterprises Company Limited**

**Mario Cassar u Margaret Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-16 ta' Mejju 2012 li jghid hekk:

(1) Illi bi skrittura tal-11ta' Marzu 2003 u tat-23 ta' Mejju 1980 hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti A u B, l-intimati krew minghand l-attur ix-xhowroom "Q Store" gja "The Stork" illum "Babycare" Triq Mimosa, il-Hamrun taht il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha hemm elenkati;

(2) Illi peress din l-iskrittura kienet tirrisali ghal skrittura privata tat-23 ta' Mejju 1980 fejn kienet ghadha ma dahlitx in vigore l-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-attur ma kienx qed jigbor l-imsemmija taxxa fuq il-valur mizjud u baqa' jaghmel hekk sal-31 ta' Marzu 2011.

(3) Illi mill-31 ta' Marzu 2011 sal-gurnata tallum, l-intimati hallsu l-VAT apposita skond il-ligi b'ricevuti mahruga regolarment fuq "The Stork Enterprises Company Limited" socjeta tal-intimati Mario u Margaret Cassar.

(4) Illi l-kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qed jitlob lill-attur biex ihallas il-VAT fuq il-fond imsemmi ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2005 sal-31 ta' Marzu 2011 globalment ammontanti ghal EWRO 12,907 oltre l-imghax legali u dan skond dokumenti mahruga mill-attur u mmarkati bhala dokumenti C sa P.

(5) Illi b'ittra tal-11 ta' Jannar 2012 markata bhala dokument Q, l-attur talab lill-intimat sabiex ihallas il-VAT mhux migbura u dovuta mill-istess intimati.

(6) Illi b'ittra legali tat-12 ta' April 2012 l-attur interpella lill-konvenut sabiex ihallas l-istess pero baqa' inadempjenti.

(7) Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut ghax kieku ma kienx hekk, l-intimat ma kienx ihallas il-VAT dovuta fuq l-istess hanut mill-31 ta' Marzu 2011 stante Illi "The Stork Enterprises Company Limited" hallset il-kera u l-VAT apposita minn dik il-gurnata 'l quddiem u dan minkejja li kienet ilha tiggestixxi x-xhowroom imsemmija minn qabel il-11 ta' Marzu 2003.

(8) Illi r-rikorrenti jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati.

(9) Illi huwa jaf ukoll illi l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni valida x'jaghti stante illi huwa uzurpatur tad-drittijiet proprjetarji tar-rikorrenti nomine u dahal fil-fond minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni tas-sidien u ad insaputa taghhom.

Ghaldaqstant jghid l-intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tar-rikorrent nomine bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-artikoli 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-attur is-somma ta' EWRO 12,907 oltre l-imghax legali taht il-ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

3. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri legali tat-12 ta' April 2012 (Dok. R) u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ta' multi u penali li talvolta jista' jkunu dovuti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. ILLI preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fis-sens tar-regoli tal-gurisdizzjoni skond il-Kodici ta' Procedura Civili. Il-konvenuti konjugi Cassar huma t-tnejn residenti Ghawdex u s-socjeta The Stork Enterprises Company Limited ghandha l-ufficcju registrat Ghawdex kif jirrizulta mill-anness download mis-sit tar-Registratur tal-Kumpaniji;

2. ILLI minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jeccepixxu l-preskrizzjoni tas-sentejn u jew tal-hames snin;

3. ILLI fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, ebda ammont ma huwa dovut: trid tigi qabel xejn tigi stabbilita l-istatus fiskali tal-kumpanija attrici, jekk u meta, kienet registrata ghall-Value Added Tax (VAT). Inoltre ebda ammont ma huwa dovut ghaliex ma jezisti ebda obbligu kontrattwali jew legali tal-esponenti jew min minnhom illi jirrifondu xi VAT li setghet hallset l-attrici. Dan ghaliex il-konvenuti mill-bidu li dahlu f'relazzjoni lokatizja mas-socjeta attrici permezz ta' skrittura tal-11 ta' Marzu 2003; dejjem hallsu dak li kellhom ihallsu skond il-kuntratt tat-23 ta' Mejju 1980. Kien biss circa xi sena ilu illi s-socjeta attrici bdiet tohrog fattura fiskali lill-intimat u tithallas il-VAT mis-socjeta intimata. Dan sar minghajr pregudizzju mill-esponenti fuq talba tal-attrici Semago ghaliex apparentement skond ma qalet hija kienet qed tigi investgata mill-awtoritajiet fiskali. Jigi precizat illi c-cessjoni tal-inkwilinat saret bejn Patrick Gouder u l-konjugi Cassar li bhala tali ma ghandhomx VAT registration;

4. ILLI ghalhekk ma jezisti ebda obbligu legali ghaliex skond il-ligi tal-VAT, fic-cirkostanzi simili, huwa meqjus illi l-kera jinkludi VAT pagabbli, dejjem jekk din hija dovuta. Ghalhekk meta l-attrici rceviet il-kera, huwa meqjus li din kienet tinkludi xi VAT dovuta lill-Kummissarju, dejjem jekk din hija dovuta. Hawnhekk ghandu jinghad illi jekk huwa dovut xi VAT mis-

socjeta attrici, din hija sitazzjoni u relazzjoni esklusivament bejn il-kumpanija Semago Trading Company Limited u l-Kummissarju tat-Taxxi (dak iz-zmien id-Direttur tal-VAT). Konsegwentement ma giet pruvata u stabbilita ebda raguni u bazi legali ghaliex ghandha tithallas il-VAT mill-intimati.

5. ILLI ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat li l-ewwel eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti giet irtirata b'verbal tat-12 ta' Marzu 2013;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn is-socjeta attrici qed tirreklama l-hlas ta' VAT fuq il-kera dovuta mill-konvenuti jew min minnhom in forza ta' skrittura ta' kera datata 11 ta' Marzu 2003 (fol. 4 tal-process). Din l-iskrittura effettivament hi cessjoni tad-drittijiet lokatizji li kellha s-socjeta The Stork Enterprises Company Limited rapprezentata minn Patrick Gouder favur Mario u Margaret Cassar bil-kunsens tas-sid cioe tas-socjeta attrici. Effettivament il-kirja originali saret fit-23 ta' Mejju 1980 (fol. 6 tal-process) bejn is-socjeta attrici u Patrick Gouder li fl-istess ftehim kellu d-dritt li jassocja ruhu f'kumpanija limited basta l-maggoranza tal-ishma jkunu tal-familja Gouder.

Ghalkemm jidher mill-iskritturi illi l-kirja originali kienet issejjah lil Patrick Gouder, fuq il-ftehim ta' cessjoni Patrick Gouder deher in rapprezentanza ta' The Stork Enterprises Company Limited. Probabilment, ghax ma jirrizultax fl-atti, illi f'xi zmien il-kirja daret fuq l-imsemmija

kumpanija kif jidher premess mill-istess skrittura ta' kera originali. Jidher ukoll ghalkemm mhux spjegat sew fl-atti illi f'xi zmien l-azzjonisti ta' din il-kumpanija saru Babycare Company Limited u Mario Cassar bir-rapprezentanza guridika f'idejn Mario u Margaret Cassar. Ma irrizultax car lil Qorti r-relazzjoni ta' din il-kumpanija mas-socjeta attrici billi l-kirja fl-2003 giet ceduta lil konjugi Cassar u r-relazzjoni lokatizja jidher li kienet u baqghet mal-konjugi Cassar proprio. Ghalhekk is-socjeta The Stork Enterprises Company Limited ma ghandha ebda rabta guridika mas-socjeta attrici qua inkwilina tal-fond in kwistjoni soggetta ghad-drittijiet u obbligi naxxenti mill-istess lokazzjoni. L-unici persuni li ghandhom din ir-relazzjoni kontrattwali huma l-konjugi Cassar proprio.

In oltre l-kirja li kienet wahda kummercjali b'zidiet tal-kera miftehma fil-kuntratt tal-1980 u kull tigdid sussegwenti sar in forza tal-Kapitolu 69 kif dikjarat fl-istess skrittura ta' cessjoni tal-2003, u illi ghalhekk ir-relazzjoni guridika bejn is-socjeta attrici u l-konjugi Cassar saret b'effett tal-iskrittura tal-1980 bl-istess kondizzjonijiet u dawk mizjuda fl-iskrittura tal-2003.

Imkien fl-iskrittura tal-2003 ma jissemma xejn dwar taxxi ta' ebda tip jew natura. Jinghad ghal precizjoni illi t-taxxa tal-VAT dahlet fil-Ligijiet ta' Malta fl-1985 u ghalhekk applikabbli skond il-kaz minn dakinhar.

Joseph Pisani, direttur tas-socjeta attrici xehed illi ma kienx jaf li kellha tithallas il-VAT fuq il-kera u illi qatt ma talab jew zamm VAT fuq il-kera. In kwantu ghall-konvenuti, dawn kienu jibghatulu l-kera b'cheque u karta biex jiffirma l-ircevuta. F'xi zmien saret investigazzjoni mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn irrizulta li ma kinitx tithallas VAT u imponiet fuq is-socjeta attrici l-hlas tal-VAT mill-2007 sal-2011 billi VAT dovut anticedentement kien preskritt u s-socjeta attrici kellha thallas is-somma ta' €20,754 bhala VAT, penali u imghax. Hu qed ifittex ghal dan l-ammont peress illi jsostni li suppost il-VAT jithallas minn min jircievi s-servizz cioe l-konsumatur liema VAT jithallas lil min qed jaghti s-servizz u jibghatu lid-Dipartiment tat-Taxxi. Il-konvenut irrifjuta li jhallas kull ammont reklamat izda minn Marzu 2011 accetta bla pregudizzju li jibda jhallas il-VAT minn hemm il-quddiem.

Il-konvenut Mario Cassar xehed li dejjem hallas il-kera pattwita ghal disa' snin shah mill-2002 sal-2011 u qatt ma irceva xi talba formali jew fattura fiskali ghal hlas u anqas qatt

inhargitlu ircevuta fiskali. Hu ipprezuma li l-VAT kienet inkluza fil-kera u ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwistjonijiet interni bejn is-socjeta attrici u d-Dipartiment tat-VAT. Kien f'Jannar 2011 li Joseph Pisani infurmah li qabdu mieghu tat-taxxa u VAT u ried li l-konvenut ihallas il-VAT. L-ewwel darba li inharget invoice fiskali mis-socjeta attrici kien ghal perjodu mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Settembru 2011 u inkludiet il-VAT mal-kera. Hu hallas skond il-fattura. Qal ukoll illi s-socjeta The Stork Enterprises Limited ghandha numru tal-VAT.

Stephen Gouder ikkonferma li qatt ma thallas VAT dment li l-kirja kienet tghajjat lilhom u dejjem hallsu l-kera skond il-kuntratt.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Jidher car illi qabel ma s-socjeta attrici kellha problema mad-Dipartiment tat-VAT, qatt ma talbet u qatt ma hallset VAT fuq il-kera pattwita. Ebda menzjoni taghha ma saret mill-partijiet fic-cessjoni tal-kirja li saret fl-2003 meta r-regim tal-VAT kien in vigore.

Bla dubju r-relazzjoni bejn is-socjeta attrici u d-Dipartiment tat-VAT hi wahda li fiha l-konvenuti ma ghandhomx x'jaqsmu. Jidher bhala fatt illi fuq din il-kirja pero kien hemm obbligu ta' hlas ta' VAT fuq il-kera migbura cioe ghal provista ta' servizzi skond il-ligi tal-VAT Kap. 406. Skond ix-xiehda ta' Connie Azzopardi, rapprezentanta tad-Dipartiment tal-VAT, jirrizulta illi t-taxxa fuq il-valur mizjud jithallas mill-konsumatur, jingabar mill-kummercjant li qed joffri s-servizz u dan tal-ahhar jibghat t-taxxa lid-dipartiment. Hu obbligu tal-kummercjant li jigbor din it-taxxa. L-argument tad-direttur tas-socjeta attrici li ma kienx jaf li jrid jigbor il-VAT ma jreggix ghax l-obbligu hu wiehed legali u jibqa' jsehh. B'daqshekk pero tinsorgi awtomatikament id-domanda jekk il-konsumatur hux obbligat ihallas it-taxxa jekk ma jigi specifikament mitlub.

L-artikolu 49 tal-Kap. 406 jaqra hekk:

> 49. (1) Meta persuna registrata tindika l-prezz ta' oggetti offerti ghal bejgh bl-imnut, dak il-prezz ghandu jigi ndikat b'mod li jkun jinkludi t-taxxa li ghandha tithallas taht dan l-Att, jekk ikun hemm, dwar il-provvista tal-oggetti msemmija.

(2) Fejn l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas taht dan l-Att ma jkunx identifikat fi hlas ghal provvista taxxabbli jew fi prezz imhallas, hlief ghal f'fattura jew dokument li jservi bhala fattura mahruga minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli ohra, ghal provvista taxxabbli, dak il-hlas jew prezz ghandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa.

(3) Fejn l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas taht dan l-Att ma jkunx identifikat fil-prezz imhallas ghal provvista fuq fattura jew dokument li jservi bhala fattura mahrug minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli ohra dak il-prezz ghandu jitqies li ma jkunx jinkludi t-taxxa.

Il-Qorti tqis li applikabbli qua principju regolatur hu t-tieni subinciz tal-istess artikolu billi l-ewwel subinciz jirrigwarda bejgh bl-imnut u t-tielet subinciz jirrigwarda prezz imhallas fuq fattura jew dokument li jservi bhala fattura mahruga minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli ohra. F'dan il-kaz hu pacifiku li ebda fattura ma kienet tinhareg qabel l-2011 u lanqas irrizulta mill-atti li l-konvenut proprio kienu persuni taxxabbli skond il-Kap. 406.

Is-subinciz tnejn tal-artikolu 49 jipprezumi li fejn l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas ma jkunx identifikat fil-hlas jew prezz ghandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa. L-eccezzjoni fl-imsemmi subinciz mhix applikabbli billi bhas-subinciz tlieta ebda fattura jew document li servi ta' fattura ma inhareg qabel l-2011 mis-socjeta attrici.

Ghalhekk il-principju regolatur li johrog mill-artikolu u l-fatti tal-kaz kien illi l-ammont ta' kera inkluza fil-ftehim bejn il-partijiet fl-iskrittura tal-2003 kien jinkludi fih t-taxxa fuq il-valur mizjud.

Pero din il-prezunzjoni hi biss wahda juris tantrum u tista tigi newtralizzata bi provi ohra. Il-Qorti tqis illi din il-prova saret bl-ammissjoni stess tal-konvenut Mario Cassar li appena s-socjeta attrici baghtitlu fattura bil-kera u b'zieda ta' taxxa fuq il-valur mizjud hu beda  jhallas kif mitlub. Dan fil-fehma tal-Qorti jfisser li l-konvenuti qua inkwlini irrikonoxxew, kuntrarjament ghal dak li xehed Mario Cassar, illi l-kera pattwita ma kinitx tinkludi l-VAT. F'dak il-kuntest is-socjeta attrici kellha kull dritt tesigi l-hlas tat-taxxa li suppost thallset lid-dipartiment skond ma giet mitluba taghmel is-socjeta attrici.

Ma hux ta' ebda skuzanti  ghall-konvenuti personalment illi jinghad li l-hlas tal-kera b'zieda ta' taxxa sar bla pregudizzju. Dan ghaliex il-hlas sar bla ebda riserva. Dan il-hlas juri illi t-

taxxa kienet dovuta apparti l-ammont tal-kera u mhux inkluza fl-ammont. Li kieku ma kienx hekk il-konvenuti ma kienux jaccettaw li jhallsuha.

Il-konvenuti fil-fatt jecepixxu b'mod in kwantu kontradittorju ghal din il-linja ta' difiza illi t-talba attrici hi preskritta. Il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni li t-talba hi preskritta bit terminu ta' sentejn jew hames snin hi generika wisq biex din il-Qorti tindagaha. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid issir b'mod car u jintrabat ma' artikolu specifiku tal-ligi u mhux thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti liema mill-prekrizzjonijiet ta' sentejn jew hames snin tista' tkun applikabbli ghal hlas. Dan jinghad b'aktar enfasi meta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha dejjem tinghata interpretazzjoni u applikazzjoni ristrettiva. Is-sottomissjonijiet tal-konvenuti fuq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni maghmula b'referenza ghall-artikoli specifici ma jinnewtralizzawx il-fatt illi formalment din l-eccezzjoni ma saritx kif imiss u jkun ingust ghall-attrici li din il-Qorti titratta l-artikoli tal-preskrizzjoni citati mill-konvenuti fis-sottomissjonijiet meta s-socjeta attrici ma kellhiex il-jedd tiddefendi ruhha kif imiss.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif maghmula ma ghandhiex tigi kunsidrata.

Jibqa' jigi deciz x'inhu l-ammont li ghandhom ihallsu l-konvenuti f'VAT. Is-socjeta attrici qed titlob il-hlas ta' €12,970 f'taxxa fuq il-valur mizjud ghal perjodu 1 ta' Lulju 2005 sal-31 ta' Marzu 2011. Pero jirrizulta kemm waqt il-kontroezami ta' Joseph Pisani u min-nota ta' sottomissjonijiet illi l-VAT li qed jintalab hu mill-2006 sal-31 ta' Marzu 2011 mhux mill-2005. L-attur esebixxa a fol. 10 et seq. tal-process il-VAT dovut fuq il-kera li pero jkopri wkoll il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2005 sal-31 ta' Marzu 2011. Il-Qorti tqis li jrid jitnaqqas mill-ammont reklamat il-VAT dovut ghal perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2005 sal-31 ta' Marzu 2006 billi l-ammont mitlub hu kif indikat mill-attur Joseph Pisani cioe ghal hames snin peress li l-ammonti l-ohra mitlub mill-VAT Department kienu preskritti. Billi l-kera dovuta hi ta' Lm1,097.40 kull tlett xhur u hemm tlett skadenzi li minnhom iridu jitnaqqsu l-VAT allura l-VAT li jrid jitnaqqas hu ta' Lm592.59 jew €1,380.74. Fl-ammont reklamat mis-socjeta attrici ma hemmx inkluzi penali jew imaghaxijiet imhallsa lid-Dipartment tal-VAT u ghalhekk l-ammont li s-socjeta attrici ghandha dritt tirreklama hu ta' €11,526.26.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imressqa mill-konvenuti, tichad it-talbiet fil-konfront ta' The Stork Enterprises Company Limited, u tilqa t-talbiet attrici biss fil-konfront tal-konvenuti Mario u Margaret konjugi Cassar u tikkundannahom in solidum jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' €11,526.26 bl-imghax jiddekorri mid-data tal-prezentata tal-kawza. Spejjez ghall-konvenuti konjugi Cassar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------